



Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2023/2158(DEC)

23.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2158(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Vlad Gheorghe

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-“Qorti”) sabet li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Àgenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-“Àgenzija”) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jinnota li l-Àgenzija eżegwiet EUR 86,3 miljun f’approprazzjonijiet ta’ impenn, li jirrappreżentaw 99,80 % tal-baġit totali tas-sena 2022, u EUR 85,15 miljun f’approprazzjonijiet ta’ pagament (98,42 % tal-baġit totali); jilqa' l-fatt li 0,87 % biss tal-approprazzjonijiet ta’ pagament ġew ikkanċellati, sew taħt il-limitu massimu ta’ 5 % stabbilit mill-Kummissjoni;
3. Ifaħħar l-impenn tal-Àgenzija li ttejjeb il-komunikazzjoni multilingwi tagħha filwaqt li tiżgura aċċessibbiltà akbar għaċ-ċittadini Ewropej kollha; jinnota li l-istrateġija ta’ ħames snin tal-Àgenzija, ir-Rapporti Ewropej dwar l-Ambjent Marittimu u s-Sikurezza Marittima Ewropea issa huma aċċessibbli bl-24 lingwa kollha tal-UE;
4. Jilqa' l-fatt li l-Àgenzija kompliet timplimenta l-istrateġija 2020-2024 tagħha, u dan se jiippermettilha twettaq il-kompliti marittimi tagħha ta’ sorveljanza, sikurezza u sigurtà filwaqt li tikkontribwixxi b’mod effiċċenti għall-prioritajiet tal-Unjoni; jirrikonoxxi l-pubblikazzjoni mill-Àgenzija tal-ewwel Rapport Ambjentali dwar it-Trasport Marittimu Ewropew, li jiġbor informazzjoni vverifikata dwar l-impatti ambjentali tat-trasport marittimu;
5. Jissottolinja r-rwol tal-Àgenzija fl-implementazzjoni b’suċċess tat-tranżizzjoni lejn trasport marittimu bi fjuwils rinnovabbli u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-aġenzija fl-implementazzjoni tar-regolament FuelEU Maritime; jappoġġja r-riċerka li għaddejja dwar studji għal sorsi ta’ enerġija għall-vapuri, b’enfasi fuq il-bijofjuwils, l-ammonijaka, l-idroġenu u l-istandardi operattivi, tas-sikurezza u teknoloġiċi għall-fjuwils u t-teknoloġiji, li l-użu tagħhom huwa mistenni li jiġi aċċellerat mill-inizjattiva FuelEU Maritime;
6. Ifaħħar it-tishħiħ kontinwu tal-Àgenzija tal-attivitàjiet ta’ sorveljanza tagħha, inklużi l-kapaċitajiet satellitari u tal-RPAS; jilqa' l-kisba li s-servizzi tal-RPAS tal-Àgenzija akkumulaw b’mod kollettiv 1305 ijiem operattivi, bi 828 jum iddedikat għas-sorveljanza bi skopijiet multipli u 477 jum għas-sorveljanza ambjentali;
7. Jisħaq fuq l-importanza tal-attivitàjiet tal-Àgenzija fil-qasam tas-sigurtà marittima u jitlob li l-Àgenzija tkompli tipprovd assistenza teknika lill-Kummissjoni waqt spezzjonijiet f’dan il-qafas skont ir-Regolament 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet; jisħaq fuq żieda sinifikanti ta’ inċidenti taċ-ċibersigurtà fis-settur marittimu f’dawn l-aħħar snin;
8. Jappella għall-promozzjoni tad-d-diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu billi tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni elettronika tad-data, filwaqt li jiġu appoġġjati s-simplifikazzjoni u l-

forniment ta' sistemi u servizzi integrati ta' sorveljanza u sensibilizzazzjoni marittimi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri;

9. Jilqa' t-tmexxija tal-Aġenzija fil-fażi tranzizzjonal tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (CISE) biex tissaħħa il-kooperazzjoni ċivili u militari; dan jinvolvi li tiġi stabbilita konnessjoni permanenti bejn is-CISE u l-flotot tal-Istati Membri tal-UE, jew permezz ta' MARSUR inkella b'konnessjoni diretta permezz tan-nodu nazzjonali;
10. Ifaħħar lis-Servizzi ta' Appoġġ Marittimu tal-Aġenzija li żviluppaw prodotti *ad hoc* biex jassistu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-implementazzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE relatati mal-gwerra ta' aggressjoni illegali mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, bħar-rapportar dwar is-sejħiet tal-vapuri għal tagħbijiet u bnadar speċifiċi; ifaħħar il-fatt li l-Aġenzija żviluppat u tippordi lill-utenti rilevanti rapport ta' kull xahar dwar l-impatt tal-iżviluppi fl-Ukrajna fuq it-traffiku u l-kummerċ marittimu;
11. Ifaħħar l-estensjoni tal-proġett BC Sustainable Energy Association sat-30 ta' Settembru 2022 minħabba l-gwerra ta' aggressjoni illegali mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, biex titwettaq azzjoni mmirata lejn ix-xiri ta' tagħmir kontra t-tniġġis b'appoġġ għall-Georgia u l-Ukrajna fil-Baħar l-Iswed, kif ukoll il-fażi tal-bidu għall-proġett il-ġdid li kienet tinkludi sessjoni ta' taħriġ online biex l-utenti Ukre ni tas-Servizz CleanSeaNet (CSN) ikunu jistgħu jibbenfikaw mis-servizz CSN tal-EMSA;
12. Ifaħħar il-fatt li l-Aġenzija tkompli tkun sieħeb importanti għall-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-iżvilupp ta' standards tas-sikurezza marittima, kif ukoll fid-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-trasport marittimu tal-UE;
13. Jisħaq li t-tkabbir tal-flotta tal-UE (kemm f'termini ta' vapuri kif ukoll ta' tunnellaġġ) qed iseħħ aktar bil-mod meta mqabbel mal-flotta globali; fl-aħħar ħames snin, il-flotta tal-UE esperjenzat tkabbir ta' 3,4 %, b'kuntrast mal-flotta globali, li wriet rata ta' tkabbir aktar sostanzjali ta' 7 %;
14. Jilqa' l-appoġġ tal-Aġenzija lill-Kummissjoni fl-OMI, b'mod partikolari f'fora bħall-MEPC, il-PPR u s-CCC; dan l-appoġġ ikopri oqsma kruċjali tal-prevenzjoni tat-tniġġis u s-sostenibbiltà inkluża l-Istrateġġija tal-OMI dwar it-tnejx tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-intensità tal-karbonju tat-tbaħħir, is-sikurezza, l-evalwazzjoni, l-implementazzjoni u l-użu ta' fjuwils u teknoloġiji alternattivi sostenibbli, l-iskart fil-baħar u l-istorbju taħt l-ilma; jenfasizza li l-ħidma li jmiss tal-OMI dwar l-iżvilupp tar-rekwiżiti u tal-istandards korrispondenti għall-użu ta' fjuwils u teknoloġiji ġodda se tkun ta' importanza ewlenija għall-adozzjoni tagħhom kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak tal-UE;
15. Jisħaq fuq l-isfida kontinwa fir-reklutaġġ ta' Esperti Nazzjonali Sekondati (SNE) minħabba d-diffikultà li jiġu attirati esperti mill-Istati Membri; jirrimarka li l-Aġenzija kellha xi sejħiet li ma rnexxewx; jipproponi li l-äġenti kuntrattwali interni jingħataw opportunità li javvanzaw għall-grupp ta' funzjoni li jmiss permezz ta' proċedura ta' selezzjoni ġenerali; rigward il-kisbiet fl-effiċjenza, l-Aġenzija timmira u taħdem biex ittejjeb il-proċeduri tagħha ħalli ssaħħa l-effiċjenza u l-effettività tagħha għall-aħjar użu possibbli tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħha;
16. Jilqa' l-fatt li fl-2022 l-Aġenzija implementat l-azzjonijiet korrettivi wara l-osservazzjoni tal-Qorti dwar il-kuntratti ta' akkwist tal-2021; wara din l-azzjoni korrettiva l-Qorti

ddeċidiet li tagħlaq l-osservazzjoni tagħha;

17. Jiproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2022.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	23.1.2024	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	32 1 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, Izaskun Bilbao Barandica, Ciarán Cuffe, Karima Delli, Carlo Fidanza, Mario Furore, Isabel García Muñoz, Vlad Gheorghe, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Markus Ferber, Roman Haider, Pär Holmgren, Ljudmila Novak, Dorien Rookmaker	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Viola von Cramon-Taubadel	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

32	+
ECR	Carlo Fidanza, Peter Lundgren, Tomasz Piotr Poręba, Dorien Rookmaker
NI	Mario Furore
PPE	Magdalena Adamowicz, Markus Ferber, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Lucia Vuolo
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Vlad Gheorghe, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Bergur Lókke Rasmussen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Isabel García Muñoz, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Thomas Rudner, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Karima Delli, Pär Holmgren, Tilly Metz, Viola von Cramon-Taubadel

1	-
The Left	Kateřina Konečná

2	0
ID	Roman Haider, Philippe Olivier

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni